

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/747

tas-17 ta' Diċembru 2015

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kriterji dwar il-kalkolu relatat ta' kontribuzzjonijiet ex-ante, u dwar iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet li taħthom il-pagament ta' kontribuzzjonijiet straordinarji ex-post jista' jkun parzjalment jew kompletament differit

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 69(5) u 71(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Fond") għie stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 bħala arranġament ta' finanzjament uniku għall-Istati Membri kollha parteċipanti fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ⁽²⁾ u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni ("l-Istati Membri parteċipanti").
- (2) L-Artikolu 67 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 jstabbilixxi l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Fond") u l-iskopijiet li għalihom il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Bord") jista' juża l-Fond.
- (3) Skont l-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-Fond għandu jintuża fi proċeduri ta' riżoluzzjoni meta l-Bord iqis li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-għodod ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-missjoni tal-Fond. Għaldaqstant il-Fond għandu jkollu riżorsi finanzjarji adegwati biex jippermetti għal funzjonament effettiv tal-qafas ta' riżoluzzjoni billi jkun jista' jintervjeni, fejn meħtieġ, għall-applikazzjoni effettiva tal-għodod ta' riżoluzzjoni u biex tiġi protetta l-istabbiltà finanzjarja mingħajr rikors għal flus tal-kontribwenti.
- (4) L-Artikolu 70(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 jipprovdi li l-Bord jingħata s-setgħa li jikkalkula l-kontribuzzjonijiet individwali ex-ante dovuti mill-istituzzjonijiet kollha awtorizzati fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti kollha, skont l-Artikolu 70(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, u li dawn il-kontribuzzjonijiet annwali għandhom jiġu kkalkulati abbażi ta' livell fil-mira uniku stabbilit bħala perċentwali tal-ammont tad-depożiti koperti tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fl-Istati Membri parteċipanti kollha
- (5) F'konformità mal-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-Bord għandu għalhekk jiżgura li l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-Fond jilhqqu mill-inqas il-livell fil-mira msemmi fl-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 sal-aħħar ta' perjodu inizjali ta' tmien snin mill-1 ta' Jannar 2016, jew, inkella, mid-data li fiha l-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 ikun applikabbli bis-saħħa tal-Artikolu 99(6) ta' dak ir-Regolament.
- (6) F'konformità mal-Artikoli 67 u 69 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-Bord għandu jiżgura li, matul il-perjodu inizjali msemmi fl-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, li l-kontribuzzjonijiet lill-Fond jinfirxu tul iż-żmien bl-aktar mod ekwu possibbli sakemm jintlaħaq il-livell fil-mira u għandu jestendi l-perjodu inizjali

⁽¹⁾ ĠUL 225, 30.7.2014, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠUL 287, 29.10.2013, p. 63).

b'massimu ta' erba' snin fil-każ li l-Fond ikun għamel żborżi kumulattivi ta' aktar minn 50 % tal-livell fil-mira u fejn il-kriterji ta' dan ir-Regolament jiġu ssodisfati. B'hekk, il-kontribuzzjonijiet annwali li saru skont l-Artikolu 69(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 jistgħu jkunu iktar minn 12,5 % tal-livell fil-mira. Jekk, wara l-perjodu inizjali, il-mezzi finanzjarji disponibbli jonqsu taħt il-livell fil-mira, il-Bord għandu jiżgura li l-kontribuzzjonijiet *ex-ante* jinġabru sakemm jintlaħaq il-livell fil-mira. Wara li jkun intlaħaq il-livell fil-mira għall-ewwel darba u fejn il-mezzi finanzjarji disponibbli jkunu sussegwentement tnaqqsu għal anqas minn żewġ terzi tal-livell fil-mira, il-Bord għandu jiżgura li dawn il-kontribuzzjonijiet jiġu stabbiliti f'livell li jippermetti li jintlaħaq il-livell immirat fi żmien sitt snin. Għalhekk, il-kontribuzzjonijiet annwali msemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 69(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 jistgħu jaqbuż t-12,5 % tal-livell ta' mira biex jintlaħaq il-livell immirat fi żmien sitt snin

- (7) F'konformità mal-Artikolu 69(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-fażi taċ-ċiklu tan-negozju u l-impatt li l-kontribuzzjonijiet proċikliċi jista' jkollhom fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet kontributori għandu jitqies fil-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet *ex-ante*.
- (8) Kwalunkwe varjazzjoni li tirriżulta f'inqas kontribuzzjonijiet *ex-ante* għandha tiġi kkalkulata billi jitqies il-fatt li din tista' eventwalment twassal għal żieda sabiex jiġi żgurat li jintlaħaq il-livell fil-mira fi żmien l-iskadenzi stabbiliti.
- (9) Kwalunkwe varjazzjoni għal-livell ta' kontribuzzjonijiet *ex-ante* jew estensjonijiet tal-perjodu inizjali għandhom jiġu applikati b'mod ugwali għall-istituzzjonijiet kollha fl-Istati Membri parteċipanti sabiex ma jirriżultawx f'allokazzjoni mill-ġdid tal-kontribuzzjonijiet fost dawk l-istituzzjonijiet.
- (10) Skont l-Artikolu 71(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-Bord għandu jiddiferixxi, b'mod sħiħ jew parzjali, pagament minn istituzzjoni ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* meta dan ikun neċessarju biex tiġi pproteġta l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu. Meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk differiment ikunx meħtieġ biex tiġi pproteġta l-pożizzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni, il-Bord għandu jivvaluta l-impatt li pagament ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* jista' jkollu fuq il-pożizzjoni ta' solvenza jew likwidità ta' dik l-istituzzjoni.
- (11) Id-differiment ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* għandu jingħata mill-Bord fuq talba ta' istituzzjoni sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni mill-Bord li dik l-istituzzjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet għal differiment kif stipulat fl-Artikolu 71(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014. L-istituzzjoni kkonċernata għandha tippovdi kull informazzjoni meqjusa meħtieġa mill-Bord biex twettaq din il-valutazzjoni. Il-Bord għandu jqis l-informazzjoni kollha disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali biex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni ta' rekwiżiti ta' notifika.
- (12) Meta jiġi vvalutat l-impatt tal-pagament ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* dwar is-solvenza jew il-likwidità tal-istituzzjoni, il-Bord għandu janalizza l-impatt tal-pagament fuq il-pożizzjoni tal-kapital u tal-likwidità tal-istituzzjoni. L-analiżi għandha tassumi telf fuq il-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni li jkun daqs l-ammont pagabbli fil-mument meta dan ikun dovut u taġmel projezzjoni tal-l-proporzjonijiet kapitali tal-istituzzjoni wara dan it-telf għal perjodu xieraq ta' żmien. Barra minn hekk, hija għandha tassumi ħruġ ta' fondi daqs l-ammont pagabbli fil-mument meta jkun dovut u għandha tivvaluta r-riskju tal-likwidità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li jispeċifikaw:

- (1) il-kriterji biex jitqassmu matul iż-żmien il-kontribuzzjonijiet għall-Fond skont l-Artikolu 69(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;
- (2) il-kriterji għad-determinazzjoni tal-għadd ta' snin li bihom il-perjodu inizjali msemmi fl-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 jista' jiġi estiż f'konformità mal-Artikolu 69(3) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;

- (3) il-kriterji għall-istabbiliment tal-kontribuzzjonijiet annwali pprovdut għalihom fl-Artikolu 69(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;
- (4) iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet li taħthom il-pagament ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* jista' jkun parzjalment jew kompletament differit skont l-Artikolu 71(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tapplika ukoll id-definizzjoni li ġejja:

- (1) "perjodu inizjali" tfisser perjodu msemmi fl-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;
- (2) "perjodu ta' differiment" tfisser perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur.

KAPITOLU II

IL-KRITERJI RELATATI MA' KONTRIBUZZJONIJIET EX-ANTE

Artikolu 3

Il-Kriterji għat-tifrix matul iż-żmien ta' kontribuzzjonijiet ex-ante matul il-perjodu inizjali

1. Meta tiġi vvalutata l-fażi taċ-ċiklu tan-negozju u l-impatt li l-kontribuzzjonijiet proċikliċi jista' jkollhom fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet kontributori f'konformità mal-Artikolu 69(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-Bord iqis mill-inqas l-indikaturi li ġejjin:
 - (a) l-indikaturi makroekonomiċi stabbiliti fl-Anness, biex jidentifikaw il-fażi taċ-ċiklu tan-negozju;
 - (b) l-indikaturi stabbiliti fl-Anness, biex jidentifikaw il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet kontributori.
2. L-indikaturi kkunsidrati mill-Bord jiġu stabbiliti fir-rigward tal-Istati Membri parteċipanti kollha flimkien.
3. Kwalunkwe deċiżjoni li jieħu l-Bord għat-tifrix ta' kontribuzzjonijiet matul iż-żmien tiġi applikata b'mod ugwali għall-istituzzjonijiet kollha li jikkontribwixxu għall-Fond.
4. F'kull perjodu kontributorju, il-livell ta' kontribuzzjonijiet annwali jista' jkun relattivament aktar baxx mill-medja tal-kontribuzzjonijiet annwali kkalkolati skont l-Artikoli 69(1) u 70(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, ħliet fejn il-Bord jivverifika li bbażat fuq projezzjonijiet konservattivi, il-livell fil-mira jista' jintlaħaq fi tmiem il-perjodu inizjali.

Artikolu 4

Il-kriterji għad-determinazzjoni tal-għadd ta' snin li bihom il-perjodu inizjali jista' jiġi estiż

1. Meta jiġi determinat l-għadd ta' snin li bihom il-perjodu inizjali msemmi fl-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 jista' jiġi estiż f'konformità mal-Artikolu 69(3) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-Bord iqis mill-inqas il-kriterji li ġejjin:
 - (a) l-għadd minimu ta' snin meħtieġa biex jintlaħaq il-livell fil-mira msemmi fl-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, soġġett għal kontribuzzjonijiet annwali ta' mhux aktar minn darbtejn il-kontribuzzjonijiet annwali medji matul il-perjodu inizjali);

- (b) il-fażi taċ-ċiklu tan-negozju u l-impatt li l-kontribuzzjonijiet proċikliċi jista' jkollhom fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet kontributori, kif speċifikat mill-indikaturi msemmija fl-Artikolu 3(1);
 - (c) kwalunkwe pagamenti addizzjonali tal-Fond mistennija mill-Bord, wara konsultazzjoni mal-BERS, fil-perjodu sussegwenti ta' erba' snin.
2. Il-Bord, fl-ebda ċirkostanza, ma jestendi l-perjodu inizjali għal aktar minn erba' snin.

Artikolu 5

Il-kriterji għall-istabbiliment tal-kontribuzzjonijiet annwali wara l-perjodu inizjali

Meta jiġu kkalkulati l-kontribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 69(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-Bord għandu jqis il-fażi taċ-ċiklu tan-negozju u l-impatt li l-kontribuzzjonijiet proċikliċi jista' jkollhom fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet kontributori, kif speċifikat mill-indikaturi msemmija fl-Artikolu 3(1).

KAPITOLU III

ID-DIFFERIMENT TA' KONTRIBUZZJONIJET EX-POST

Artikolu 6

Id-differiment ta' kontribuzzjonijiet straordinarji ex-post

1. Il-Bord, fuq inizjattiva tiegħu stess wara li jikkonsulta mal-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni jew fuq proposta mill-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, ivarja, b'mod sħiħ jew parzjali, pagament minn istituzzjoni ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* f'konformità mal-Artikolu 71(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, jekk dan ikun neċessarju biex tiġi pproteġta l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu.
2. Id-differiment ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* jista' jingħata mill-Bord fuq talba ta' istituzzjoni. Dik l-istituzzjoni tippovdi kull informazzjoni meqjusa meħtieġa mill-Bord biex twettaq il-valutazzjoni tal-impatt tal-pagament ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* fuq il-pożizzjoni finanzjarja tagħha. Il-Bord iqis l-informazzjoni kollha disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jistabbilixxi jekk dik l-istituzzjoni tissodisfax il-kondizzjonijiet għal differiment imsemmija fil-paragrafu 4.
3. Meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk dik l-istituzzjoni tissodisfax il-kondizzjonijiet għal differiment, il-Bord jivvaluta l-impatt li pagament ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* jista' jkollu fuq il-pożizzjoni ta' solvenza jew likwidità ta' dik l-istituzzjoni. Fejn dik l-istituzzjoni tkun parti minn grupp, il-valutazzjoni tinkludi wkoll l-impatt fuq is-solvenza u l-likwidità tal-grupp kollu kemm hu.
4. Il-Bord jista' jiddiferixxi l-pagament ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* fejn jikkonkludi li l-pagament jirriżulta fi kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (a) ksur probabbli, fi żmien sitt xhur, tar-rekwiżiti minimi tal-fondi proprji tal-istituzzjoni stipulati fl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾;
 - (b) ksur probabbli, fi żmien sitt xhur, tar-rekwiżit minimu ta' kopertura tal-likwidità tal-istituzzjoni stipulat fl-Artikolu 412(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u speċifikat fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 ⁽²⁾.
 - (c) ksur probabbli, fi żmien sitt xhur, tar-rekwiżit speċifiku tal-likwidità tal-istituzzjoni stipulat fl-Artikolu 105 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1)

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-istituzzjonijiet ta' Kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-supervizzjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338)

5. Il-Bord jillimita l-perjodu ta' differiment sa fejn huwa meħtieġ biex jiġu evitati riskji rigward il-pożizzjoni finanzjarja ta' dik l-istituzzjoni jew il-grupp tagħha. Il-Bord jissorvelja regolarment jekk il-kondizzjonijiet għal differiment msemmija fil-paragrafu 4 ikomplix japplikaw matul il-perjodu tad-differiment.

6. Fuq talba ta' dik l-istituzzjoni, il-Bord jista' jgħed il-perjodu tad-differiment, fejn jiddetermina li jkompli japplikaw il-kondizzjonijiet għal differiment msemmija fil-paragrafu 4. Dan it-tiġdid ma jaqbiż is-sitt (6) xhur.

Artikolu 7

Il-Valutazzjoni tal-impatt tad-differiment fuq is-solvenza

1. Il-Bord, jew l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, jivvalutaw l-impatt tal-pagament ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* fuq il-pożizzjoni tal-kapital regolatorju tal-istituzzjoni. Dik il-valutazzjoni tinkludi analiżi tal-impatt li l-pagament ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* jista' jkollu fuq il-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti minimi tal-fondi proprji stipulati fl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Għall-iskop ta' din il-valutazzjoni, l-ammont ta' kontribuzzjonijiet *ex-post* jitnaqqas mill-pożizzjoni tal-fondi proprji tal-istituzzjoni.

3. L-analiżi msemmija fil-paragrafu 1 tkopri tal-inqas il-perjodu sad-data ta' remittenza li jmiss tar-rappurtar tar-rekwiżiti tal-fondi proprji stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014⁽¹⁾.

Artikolu 8

Il-Valutazzjoni tal-impatt ta' differiment fuq il-likwidità

1. Il-Bord, jew l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, tivvaluta l-impatt ta' pagament ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* fuq il-pożizzjoni tal-likwidità tal-istituzzjoni. Dik il-valutazzjoni tinkludi analiżi tal-impatt li pagament ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* jista' jkollu fuq il-kapaċità tal-istituzzjoni li tissodisfa r-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità previst fl-Artikolu 412(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u speċifikat fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

2. Għall-finijiet tal-analiżi deskritta fil-paragrafu 1, il-Bord iżid fluss ta' ħruġ tal-likwidità, ugwali għal 100 % tal-ammont pagabbli fil-mument meta l-pagament ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* hu dovut, għall-kalkolu ta' flussi ta' ħruġ netti tal-likwidità kif stabbilit fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

3. Il-Bord jivvaluta wkoll l-impatt ta' tali ħruġ stabbilit skont il-paragrafu 2 dwar ir-rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità stabbiliti fl-Artikolu 105 tad-Direttiva 2013/36/UE.

4. L-analiżi msemmija fil-paragrafu 1 tkopri tal-inqas il-perjodu li jmiss tad-data ta' remittenza tar-rappurtar għar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità stipulat fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJET FINALI

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 191, 28.6.2014, p. 1.).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Indikaturi makroekonomiċi li jidentifikaw il-fażi taċ-ċiklu tan-negozju

L-Indikatur tas-Sentiment Ekonomiku u tat-Tbassir tat-Tkabbir tal-PDG mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-Projezzjonijiet Makroekonomiċi tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-Tkabbir tal-PDG għaż-Żona tal-Euro.

Indikaturi biex tiġi identifikata l-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet kontributuri

- (1) Fluss ta' Kreditu fis-Settur Privat fuq il-PDG u Bidla fit-Total tal-Obbligazzjonijiet tas-Settur Finanzjarju mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Iżbilanċi Makroekonomiċi.
 - (2) Indikatur Kompost ta' Kriżi Sistemika u l-Probabbiltà ta' inadempjenza simultanja minn tnejn jew aktar gruppi bankarji kbar u kumplessi tal-Istati Membri parteċipanti mit-Tabella Opeattiva tar-Riskji tal-BERS.
 - (3) Bidliet fl-istandards tal-kreditu għal self lil unitajiet domestiċi (għal xiri ta' djar) u bidliet fl-istandards tal-kreditu għal self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji mit-Tabella Opeattiva tal-BERS.
 - (4) Indikaturi fuq il-profittabilità ta' gruppi bankarji kbar tal-Istati Membri parteċipanti li jinsabu fit-Tabella Operattiva tar-Riskji tal-Awtorità Bankarja Ewropea, bħar-Redditu fuq l-Ekwità u Introjtu mill-imgħax nett għall-introjtu operatorju kollu.
 - (5) Indikaturi dwar is-solvenza ta' gruppi bankarji kbar tal-Istati Membri parteċipanti li jinsabu fit-Tabella Operattiva tar-Riskji tal-Awtorità Bankarja Ewropea, bħal kapital tal-Grad 1 għall-assi totali minbarra assi intanġibbli u Self danneġġat u self skadut għal self totali.
-